MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 494/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Suzanne Farrugia (K.I. 112967M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tliet mija tlieta u tmenin ewor u sebgha u ghoxrin centemzu (€383.27) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru 40077848 skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokumenti anness mat-talba mmarkati IZY 1 u 2.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li  l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2010 mill-Avukat Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------